**Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni)**

Repubblika Ċeka

**L-Artikolu 65(3) – Informazzjoni dwar kif jiġu determinati, skont il-liġi nazzjonali, l-effetti tas-sentenzi msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 75 (a) – L-ismijiet u dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jridu jitressqu l-applikazzjonijiet skont l-Artikoli 36(2), 45(4) u 47(1)**

Il-qrati distrettwali għandhom ġurisdizzjoni materjali.

Il-qorti distrettwali b'ġurisdizzjoni territorjali hija ddeterminata kif ġej:

Meta l-eżekuzzjoni ta' sentenza diġà tkun ġiet ordnata, il-qorti li toħroġ u li twettaq l-eżekuzzjoni tal-ordni jkollha ġurisdizzjoni territorjali. Ir-regoli tal-ġurisdizzjoni nazzjonali li jirregolaw l-eżekuzzjoni ġudizzjarji huma stabbiliti fl-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Artikolu 252).

Meta jkun diġà ġie ordnat sekwestru (*exekuce*), il-qorti li tordna s-sekwestru jkollha l-ġurisdizzjoni territorjali (qorti tal-eżekuzzjoni (*exekuční soud*)). Ir-regoli għall-iddeterminar tal-qorti tal-eżekuzzjoni huma stabbiliti fl-Att Nru 120/2001 dwar il-marixxalli tal-qorti u l-attivitajiet ta' eżekuzzjoni (il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni (*exekuční řád*)) (l-Artikolu 45).

Meta eżekuzzjoni ta' sentenza jew sekwestru ma tkunx ġiet ordnata, il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni (ara l-punt 1 hawn fuq) jew li tkun il-qorti tal-eżekuzzjoni (ara l-punt 2 hawn fuq) ikollha ġurisdizzjoni fil-proċedimenti.

Lista tal-qrati distrettwali kollha, inklużi d-dettalji ta' kuntatt aġġornati, hija disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

**L-Artikolu 75 (b) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom irid jitressaq l-appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-rifjut ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 49(2)**

Appell jitressaq quddiem il-qorti tad-deċiżjoni li tkun qed tiġi kkontestata. (Dik il-qorti tirrinvija l-appell lill-qorti b'ġurisdizzjoni għall-appell.)

Il-qrati reġjonali għandhom ġurisdizzjoni f'termini tar-*ratione materiae* għall-proċedimenti tal-appell. Il-qorti reġjonali li fil-ġurisdizzjoni tagħha tkun tinsab il-qorti distrettwali li tkun qatgħet is-sentenza fl-ewwel istanza dwar ir-rikors għal ċaħda ta' eżekuzzjoni (jew proċedimenti għar-rikonoxximent jew għaċ-ċaħda tar-rikonoxximent) ikollha ġurisdizzjoni territorjali.

**L-Artikolu 75 (c) – L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati li quddiemhom jista' jitressaq appell ulterjuri skont l-Artikolu 50**

Jistgħu jintużaw biss miżuri straordinarji ta' rimedji, jiġifieri:

azzjoni għal annullament (*žaloba pro zmatečnost*) f'konformità mal-Artikolu 229 *et seq.* tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

azzjoni għal ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti (*žaloba na obnovu řízení*) f'konformità mal-Artikolu 228 *et seq.* tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

rimedju (*dovolání*) f'konformità mal-Artikolu 236 *et seq.* tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Il-miżuri straordinarji kollha ta' rimedji msemmija jitressqu quddiem il-qorti li tkun iddeċidiet fl-ewwel istanza dwar ir-rikors għal ċaħda tal-eżekuzzjoni (jew proċedimenti għar-rikonoxximent jew għaċ-ċaħda tar-rikonoxximent).

Il-Qorti Suprema għandha ġurisdizzjoni għall-proċedimenti ta' rimedju (*řízení o dovolání*). Il-qorti li tkun iddeċidiet fl-ewwel istanza għandha ġurisdizzjoni għall-azzjonijiet ta' ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti (*řízení na obnovu řízení*). Il-qorti li tkun iddeċidiet fl-ewwel istanza għandha ġurisdizzjoni għal azzjonijiet għall-annullament (*řízení o žalobě pro zmatečnost*) f'ċerti każijiet, filwaqt li l-Qorti tal-Appell għandha ġurisdizzjoni f'oħrajn (ara l-Artikolu 235a tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

**L-Artikolu 75 (d) – Il-lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati dwar is-sentenzi, l-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet bil-qorti**

Is-Slovakk.

**L-Artikolu 76(1)(a) – Ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 5(2) u 6(2) tar-Regolament**

L-Att Nru 91/2012 dwar id-dritt internazzjonali privat, b'mod partikolari l-Artikolu 6 tal-Att.

**L-Artikolu 76(1)(b) – Ir-regoli dwar in-notifika ta' terzi msemmija fl-Artikolu 65 tar-Regolament**

Mhux applikabbli.

**L-Artikolu 76(1)(c) – Il-Konvenzjonijiet msemmija fl-Artikolu 69 tar-Regolament**

Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bulgarija u r-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja dwar l-Għajnuna Legali u r-Riżoluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Familjali u Kriminali (Sofija, il-25 ta' Novembru 1976);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika ta' Ċipru dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili u Kriminali (Nikosija, it-23 ta' April 1982);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika Ellenika dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili u Kriminali (Ateni, it-22 ta' Ottubru 1980);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Renju ta' Spanja dwar l-Għajnuna Legali, ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti f'Materji Ċivili (Madrid, l-4 ta' Mejju 1987);

It-Trattat bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża dwar l-Għajnuna Legali u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi f'Materji Ċivili, Familjali u Kummerċjali (Pariġi, l-10 ta' Mejju 1984);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika tal-Poplu tal-Ungerija dwar l-Għajnuna Legali u r-Riżoluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Familjali u Kriminali (Bratislava, it-28 ta' Marzu 1989);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika Taljana dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili u Kriminali (Praga, is-6 ta' Diċembru 1985);

It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja dwar l-Għajnuna Legali u r-Riżoluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Familjali, tax-Xogħol u Kriminali (Varsavja, il-21 ta' Diċembru 1987), fis-sens tat-Trattat bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Polonja li jemenda u jissupplimenta t-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja dwar l-Għajnuna Legali u r-Riżoluzzjoni tar-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Familjali, tax-Xogħol u Kriminali, iffirmat f'Varsavja fil-21 ta' Diċembru 1987 (Mojmírovce, it-30 ta' Ottubru 2003);

Il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika taċ-Ċekoslovakkja u l-Portugall dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti (Lisbona, it-23 ta' Novembru 1927);

Il-Konvenzjoni dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija (Bucharest, il-11 ta' Lulju 1994);
It-Trattat bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja dwar ir-Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili, Familjali u Kriminali (Belgrad, l-20 ta' Jannar 1964);
It-Trattat bejn ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka dwar l-Għajnuna Legali provduta mill-Korpi Ġudizzjarji u dwar ir-Riżoluzzjoni ta' Ċerti Relazzjonijiet Legali f'Materji Ċivili u Kriminali (Praga, id-29 ta' Ottubru 1992).

L-aħħar aġġornament: 25/09/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.